MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 358/2003

**Form Limited**

**vs**

**David Xuereb u Chantal Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sebghin lira Maltin (Lm279) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal ghamara tad-ditta Softline mibjugha lill-konvenuti mis-socjeta attrici u dana wara li saru diversi interpellazzjonijiet ghal hlas da parti tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Gunju 2001 sad-data ta'l-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenut ta'l-1 ta' April 2003 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici m'hux dovut stante li l-ghamara tad-ditta Softline mibjugha lill-eccipjent m'hijiex tal-kwalita pattwita kif ukoll peress illi l-ghamara ikkonsenjata m'hijiex kif giet ordnata mill-eccipjent.
2. Salvi ececzzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn huwa talab l-kundanna da parti tas-socjeta attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm279, rappresentanti danni sofferti minnu peress illi l-ghamara ikkonsenjata ma kienitx tal-kwalita pattwita kif ukoll peress illi l-ghamara m'hijiex kif giet ordnata mill-eccipjenti.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici ghal kontro-talba imressqa mill-konvenut fejn hija ecceppiet:
1. Illi t-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt, kif ukoll fid-dritt, stante illi l-ghamara ikkonsenjata lill-konvenut kienet dik ordnata.
2. illi l-ghamara ikkonsenjata lill-konvenut kienet tal-kwalita pattwita.
3. minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tal-konvenut ma tistax tigi milqugha ghax il-konvenut ghazel li izomm l-ghamara u juzaha.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota tas-socjeta attrici ipprezentata fl-1 ta' Dicembru 2004 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm75 stante pagament mill-konvenuti fil-mori tal-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi l-konvenuta Chantal Xuereb naqqset li tipprezenta r-risposta taghha skond il-ligi, u li l-konvenuti naqqsu li jidhru quddiem it-Tribunal u iressqu l-provi taghhom.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut, flimkien mal-kontro-talba tieghu, u dana minhabba nuqqas ta' provi, jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75), bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Gunju 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------